

Brussell, 9 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11631/26

LIMITE

COPS 426	EUMC 288
ANTICI 189	INDEF 140
POLMIL 297	HYBRID 90
COEST 550	ESPACE 122
COASI 142	CLIMA 389
CONUN 125	ENV 920
MAMA 185	CT 89
MOG 161	COTER 105
COTRA 61	CIVCOM 183
ELARG 151	RELEX 974
COWEB 100	JAI 959
COAFR 224	COMPET 933
COLAC 100	CFSP/PESC 1112
CONOP 45	CSDP/PSDC 481

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)
lil:	Kunsill
Suġġett:	Fehim Komuni - It-Theddid u l-Isfidi li Qed Niffaċċaw: Valutazzjoni tal-Ambjent Strateġiku tal-UE

Fehim Komuni - It-theddid u l-isfidi li qed niffaċċaw: valutazzjoni tal-ambjent strateġiku tal-UE

Id-dinja li qed niffaċċaw

L-Unjoni Ewropea qed tħabbat wiċċha ma' kuntest ġeostrateġiku inċert xprunat minn theddid sostnut u simultanju fuq diversi fronti. Huwa meħtieġ fehim komuni ta' dan it-theddid, imsejjes fuq approċċ ta' 360 grad, biex jiġi żgurat li l-UE tkun mgħammra u lesta tadatta biex b'mod effettiv tipproteġi liċ-ċittadini tagħha, tipprojetta l-interessi tagħha, issaħħaħ l-awtonomija strateġika tagħha u tnaqqas id-dipendenzi, kif ukoll tħares il-valuri li fuqhom issejset: ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.

L-ambjent strateġiku tagħna għaddej minn trasformazzjoni strutturali profonda fejn diversi setgħat reviżjonisti u atturi dejjem aktar assertivi jisfidaw direttament is-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità tal-Ewropa. Bl-aggressjoni mhux provokata tagħha kontra ġar paċifiku – l-Ukrajna – ir-Russja kissret l-arkitettura tas-sigurtà tal-Ewropa ta' wara l-Gwerra l-Bierda. Dan jikkostitwixxi l-aktar theddida immedjata u diretta għas-sigurtà Ewropea, biċ-Ċina bħala faċilitatur ewlieni tal-aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u b'kollaborazzjoni ma' atturi bħall-Belarussja, l-Iran u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK). L-eżitu tal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna ser ikollu impatti profondi fuq l-arkitettura tas-sigurtà Ewropea. L-indipendenza, is-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment huma l-pedament għal paċi ġusta u dejjiema. Ukrajna indipendenti, sigura, għanja u stabbli hija prijorità strateġika għas-sigurtà Ewropea.

L-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli u s-sistema multilaterali, imsejsin fuq id-dritt internazzjonali, il-Karta tan-NU u l-prinċipji tagħha, inkluż ir-rispett tas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Istati, in-nuqqas ta' rikors għat-theddida jew l-użu tal-forza, kif ukoll il-ħarsien tad-drittijiet universali tal-bniedem, jibqgħu essenzjali għall-Ewropa u għall-komunità internazzjonali kollha kemm hi. Madankollu, dan kollu qiegħed dejjem aktar taħt pressjoni. Hemm bidla sinifikanti mir-regoli għad-dinamika tal-poter, u aċċellerazzjoni lil hinn mill-kooperazzjoni internazzjonali fl-oqsma ta' teknoloġiji ġodda, it-tibdil fil-klima u l-kummerċ. Iż-żieda fit-theddid marittimu, ċibernetiku u ibridu kollha jamplifikaw l-isfidi għas-sigurtà Ewropea.

Fil-qalba ta' din it-trasformazzjoni hemm id-**determinazzjoni ta' xi setgħat**, fuq quddiem nett fosthom ir-Russja u ċ-Ċina, **li jistabbilixxu dominanza reġjonali u jsawru mill-ġdid l-ordni dinjija** f'konformità mal-interessi tagħhom, filwaqt li jrawmu ritorn għal loġika ta' sfera ta' influwenza. Dan l-isforz huwa sostnut u sistemiku, mirfud minn investimenti fit-tul fil-mezzi militari, aspirazzjonijiet ta' superjorità teknoloġika, u l-użu tal-influwenza ekonomika. Dawn l-atturi jisfruttaw interdipendenzi profondi u spiss asimmetriċi biex jisfuzaw lil avversarji perċepiti. L-integrazzjoni tal-IA u tas-sistemi awtomatizzati fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet militari, ekonomiċi u politiċi ssaħħaħ il-veloċità, l-iskala u l-effettività ta' dan it-theddid, filwaqt li r-rikors dejjem akbar għal attivitajiet ibridi jfittex li jisfrutta l-vulnerabbiltajiet tagħna, filwaqt li jċajpar id-distinzjoni bejn il-paċi u l-gwerra.

Fl-istess ħin, **l-Istati Uniti**, l-aktar sieħeb strateġiku importanti tagħna, **qed jikkalibra mill-ġdid il-prijoritajiet** u l-attitudni tiegħu b'mod ġenerali. B'mod partikolari, qed jiġi rieżaminat il-kontribut fit-tul tal-Istati Uniti għad-difiża tal-Ewropa, bl-aspettattivi li l-Ewropej jerfgħu responsabbiltà akbar għas-sigurtà tagħhom stess. Għall-UE, dan jinvolvej konsegwenzi kbar minħabba l-importanza tar-rabta transatlantika għas-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità tagħna matul għexieren ta' snin. **Ir-relazzjoni trans-Atlantika u l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO jibqgħu kruċjali għas-sigurtà ġenerali tagħna.**

Fil-viċinat qrib tagħna, l-UE qed tħabbat wiċċha ma' teatru attiv ieħor ta' kunflitt fil-**Lvant Nofsani**, li ġġenera konsegwenzi immedjati u estensivi fil-qasam tas-sigurtà, dak ekonomiku u dak umanitarju. B'mod partikolari, il-gwerra reċenti fil-Golf, it-tensjonijiet li għadhom għaddejjin fir-reġjun inkluż b'rabta ma' Iżrael u l-Palestina u l-Libanu, huma tfakkira qawwija tat-theddida multidimensjonali li l-eskalazzjoni reġjonali toħloq għas-sigurtà, ir-reżiljenza ekonomika, u l-interessi strateġiċi usa' tal-UE. L-instabbiltà fil-Lvant Nofsani hija interkonnessa mal-kooperazzjoni negattiva u mill-qrib tar-Russja mal-Iran.

Dan l-ambjent ġeopolitiku li qed jevolvi jeħtieġ azzjoni b'saħħitha u sħubijiet aktar profondi biex niddefendu l-interessi tagħna u nagħmlu avvanz fil-prijoritajiet strateġiċi tal-UE – it-tiżiż tal-prontezza tad-difiża u t-trawwim tal-istabbiltà dinjija, b'mod partikolari fil-viċinat tagħha, l-iżgurar tal-prosperità u r-reżiljenza tagħha, u l-ħarsien tal-valuri li fuqhom hija msejsa u tal-mudell politiku demokratiku tagħha. B'dan il-mod, l-UE għandha l-opportunità li ssawwar l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli tal-ġejjieni u li sservi bħala ankra għas-sħab globali li jaqsmu magħna l-interess fin-normi u l-prinċipji universali, id-dritt internazzjonali u l-multilateraliżmu.

L-UE għandha piż politiku u ekonomiku qawwi kif ukoll strumenti ta' difiża b'saħħithom biex tikseb dan kollu. Madankollu, irridu nagħmlu aktar u **nsarrfu l-kwalitajiet tajbin li għandna f'poter.**

L-ambjent strateġiku tagħna: kompetizzjoni strateġika aktar qawwija, kontestazzjoni u frammentazzjoni

Ir-Russja hija l-aktar theddida immedjata, sinifikanti, diretta u fit-tul għas-sigurtà tal-kontinent Ewropew. Ir-Russja tfittex li tikser l-ordni ta' sigurtà Ewropea u dinjija u li tippromwovi mudell ta' governanza msejjes fuq sferi ta' influwenza, li permezz tiegħu għandha l-għan li terġa' tafferma l-predominanza fuq il-ġirien tagħha. Minkejja li naqset milli tilħaq l-oġettivi militari u strateġiċi tagħha, ir-Russja tkompli tinjora l-isforzi diplomatiċi biex ittemm il-gwerra ta' aggressjoni tagħha u tikseb paċi ġusta u sostenibbli fil-kontinent, filwaqt li tfittex li tirriġenera l-forzi u l-mezzi militari tagħha u li tirrestawra l-immaġni internazzjonali tagħha bħala potenza globali. It-tiżiż tal-forzi militari tar-Russja fil-fruntieri tal-Ewropa, iż-żieda fil-militarizzazzjoni tas-soċjetà u l-bidla lejn ekonomija tal-gwerra, b'ambizzjonijiet konkreti f'oqsma industrijali u teknoloġiċi strateġiċi ewlenin bħall-ispazju u l-enerġija nukleari, jikkostitwixxu theddida fit-tul għas-sigurtà Ewropea.

Fl-istess ħin, ir-Russja qawwiet il-kampanja ibrida tagħha kontra l-UE u l-Istati Membri tagħha, inkluż it-tfixkil tal-infrastruttura kritika, l-ispjunaġġ, iċ-ċiberattakki, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, l-interferenza bis-satellita, l-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni kif ukoll l-interferenza fl-elezzjonijiet u s-sabotaġġ fiżiku u forom oħra ta' interferenza ostili. L-għan tagħha huwa li ddgħajjed l-għaqda u d-demokrazija tal-Ewropa, tinstiga l-biża' u l-polarizzazzjoni fis-soċjetajiet u, kruċjalment, tiskoraġġixxi aktar appoġġ għall-Ukrajna. Ir-Russja qed tuża firxa wiesgħa ta' għodod ibridi fil-viċinat Ewropew usa', mill-Balkani tal-Punent sal-Baħar l-Iswed u mill-Kawkasu tan-Nofsinhar sal-Asja Ċentrali, li jaffettwaw direttament l-interessi politiċi u ta' sigurtà ewlenin tal-UE. Biex tiffinanzja l-magna tal-gwerra tagħha, ir-Russja tuża network ta' bastimenti tal-flotta mistura għall-esportazzjonijiet taż-żejt, u b'hekk tevadi s-sanzjonijiet, filwaqt li toħloq riskji marittimi, ambjentali, legali u ta' infurzar.

Iċ-**Ċina** tippożizzjona lilha nnifisha biex tirbaħ il-kompetizzjoni sistemika, billi tikkombina l-iskala industrijali, l-ambizzjoni teknoloġika, u l-firxa dinjija filwaqt li tisfrutta l-instabbiltà. Il-vantaġġi asimmetriċi taċ-Ċina mal-UE, mill-iżbilanċi kummerċjali għall-materja prima kritika sal-avvanzi teknoloġiċi f'xi oqsma, flimkien mar-rieda tagħha li tuża dan bħala influwenza kontra l-UE u oħrajn biex tilħaq l-ambizzjoni tagħha li ssir il-potenza ewlenija tad-dinja jagħmlu liċ-Ċina sfida strateġika kritika fit-tul. L-appoġġ taċ-Ċina għall-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna huwa faċilitatur kruċjali għal Moska. Iċ-Ċina ser tkompli tfittex li żżid l-influwenza tagħha fl-Ewropa.

Dawn l-iżviluppi, flimkien mal-ambjent ta' theddid li nbidel b'mod fundamentali u ż-żieda fil-kooperazzjoni fost ir-rivali strateġiċi, li saru aktar koordinati, u qed jikkondividu l-mezzi u jitgħallmu mill-kunflitti li għaddejjin u li qed jitkattru, jippreżentaw lill-UE u lill-Istati Membri tagħha bil-ħtieġa urġenti li jsaħħu l-mezzi tagħhom stess ta' prontezza, sigurtà u deterrenza fil-qasam tad-difiża. UE aktar b'saħħitha u aktar kapaċi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża ser tikkontribwixxi b'mod pożittiv għas-sigurtà dinjija u trans-Atlantika u hija komplementari għan-NATO, li tibqa' l-pedament tad-difiża kollettiva għal dawk l-Istati li huma membri tagħha.

Il-kooperazzjoni msaħħa ma' sħab tal-istess fehma u sħab oħra fl-oqsma tas-sigurtà u d-difiża qed issir dejjem aktar importanti biex l-UE tinnaviga f'dan l-ambjent strateġiku l-ġdid.

F'dan il-kuntest, l-evoluzzjoni tad-dinamika ġeopolitika ewlenija toħloq dilemmi strateġiċi fundamentali ġodda għall-UE. L-ambizzjonijiet u l-assertività dejjem **jizziedu** taċ-Ċina flimkien mal-**kompetizzjoni strateġika** li bħalissa tiddefinixxi r-relazzjonijiet bejn l-Istati Uniti u ċ-Ċina, ser ikollhom impatt dejjem akbar fuq is-sigurtà, il-kompetittività, u s-sigurtà ekonomika u r-reżiljenza tal-UE. **Is-sħubija strateġika li qed issir dejjem aktar profonda bejn iċ-Ċina u r-Russja**, inkluż f'termini ta' kooperazzjoni militari, ser tkompli żżid ukoll l-interkonnessjoni tat-teatri strateġiċi mill-Ewropa sar-reġjun Indo-Paċifiku, u tgħaqqad u tamplifika t-theddid għas-sigurtà. Fl-istess ħin, **is-sistema multilaterali tinsab taħt pressjoni bla preċedent**, peress li s-setgħat ewlenin madwar id-dinja qed jagħtu dejjem aktar prijorità lill-kompetizzjoni u l-koerċizzjoni pjuttost milli l-kooperazzjoni u jnaqqsu l-impenji u l-kontributi tagħhom għall-istituzzjonijiet u r-regoli multilaterali. Ksur sfaċċat tad-dritt internazzjonali, nuqqas ta' rispett għall-prinċipji bażiċi tal-Karta tan-NU u kontestazzjonijiet serji ta' normi universali jirrappreżentaw theddida fundamentali għall-ordni dinjija mibnija matul dawn l-aħħar tmenin sena. Dan jinkludi l-indirizzar ta' sfidi globali urġenti bħat-tibdil fil-klima, ir-regolamentazzjoni tal-użu tal-IA, u l-prevenzjoni ta' ksur fuq skala kbira tad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u dak umanitarju. It-tnaqqis fil-finanzjament għall-isforzi umanitarji u ta' kooperazzjoni madwar id-dinja jqiegħed f'riskju pajjiżi sħaħ u miljuni ta' ħajjiet.

F'dan il-kuntest, l-UE ssib ruħha f'ambjent ta' kriżi multidimensjonali fit-tul, li fih l-isfida ewlenija ma għadhiex il-ġestjoni tat-theddid individwali iżda l-ġestjoni ta' xokkijiet kumulattivi u li jinteraġixxu f' għadd ta' oqsma u reġjuni. Ir-relazzjonijiet internazzjonali huma dejjem aktar ikkaratterizzati minn kompetizzjoni strateġika, politika u ekonomika, konfrontazzjoni u, fl-aħħar mill-aħħar, kunflitt. **L-isfidi għas-sigurtà tal-UE issa huma wkoll ġeoekonomiċi**, inkluż l-użu tal-ktajjen tal-kummerċ u tal-provvista, u l-aċċess għall-enerġija u riżorsi oħra bħala arma. Id-dipendenzi strateġiċi u spiss asimmetriċi, il-punti ta' konġestjoni tal-provvista u tat-tbaħħir jitolbu li l-UE tqis il-kompetittività ekonomika u teknoloġika wkoll bħala muturi ewlenin għas-sigurtà tagħna. Bl-istess mod li t-theddid intern u estern ingħaqad, it-theddid ġeopolitiku u ġeoekonomiku qed jiltaqa', u jeħtieġ approċċi integrati. Għaldaqstant hemm bżonn li jitnaqqsu l-vulnerabbiltajiet fis-setturi strateġiċi kritiċi kollha għar-reżiljenza tas-soċjetajiet tagħna, sabiex jitħarsu l-valuri u l-interessi tagħna.

L-Ukrajna wriet reżiljenza straordinarja quddiem l-aggressjoni tar-Russja, irnexxielha tibdel id-dinamika fil-kamp tal-battalja għall-vantaġġ tagħha u wriet li hi fornitur tas-sigurtà lil hinn mill-fruntieri tagħha, b'potenzjal mhux sfruttat għall-industrija tad-difiża. L-UE sabet għaqda u determinazzjoni fl-appoġġ tagħha lill-Ukrajna u f'aktar pressjoni fuq ir-Russja.

Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-isfidi ġeopolitiċi li qed jiżdiedu saħħew u komplew jissottolinjaw **l-importanza ġeostrateġika tat-tkabbir** bħala kontribut kbir għall-paċi, is-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità tal-Ewropa, bil-kandidati għall-adeżjoni jitqiesu wkoll dejjem aktar bħala kontributuri għas-sigurtà. It-tqarrib tal-pajjiżi kandidati lejn l-UE permezz ta' proċess ta' adeżjoni msejjes fuq il-mertu u riformi kredibbli jnaqqas id-dipendenzi politiċi u ekonomiċi tagħhom u jikkontribwixxi għall-oġettivi kondiviżi tagħha.

Il-Balkani tal-Punent, bħall-Moldova u l-Ukrajna, huma parti integrali mill-ġejjieni tal-Unjoni Ewropea u għandhom perspettiva ta' sħubija fl-UE. It-tiżiżi tal-allinjament tal-politika barranija, l-approfondiment tal-kooperazzjoni fis-sigurtà u d-difiża u l-bini tar-reżiljenza kontra sfidi kondiviżi, bħat-theddid ibridu, u tipi oħra ta' theddid li wkoll ġejjin mir-reġjun u li jaffettwaw lill-UE taħt l-influwenza ta' atturi reġjonali u esterni, jibqgħu elementi ewlenin tas-sħubija bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent, kif ukoll il-kooperazzjoni reġjonali inklużiva, ir-rikonċiljazzjoni u r-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat.

Fil-**viċinat tal-Lvant** tagħna, ir-Russja twettaq attivitajiet ibridi kontra diversi sħab ewlenin, fosthom ir-Repubblika tal-Moldova u l-Armenja. Ir-Russja tistabbilixxi t-trajettorja awtoritarja tal-Belarussja bħala standard għal pajjiżi oħra li jissottomettu ruħhom għall-orbita tar-Russja. Ir-repressjoni domestika tal-Belarussja, l-appoġġ militari attiv għall-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, b'mod partikolari li r-Russja u l-forzi armati tagħha jitħallew jużaw it-territorju tagħha, inkluż għall-iskjerament ta' armi nukleari tattiki, kif ukoll operazzjonijiet ibridi fil-fruntieri esterni tal-UE, inkluż azzjonijiet ekonomiċi u azzjonijiet destabbilizzanti oħra kontra l-UE u l-Istati Membri tagħha, jibqgħu sfida serja għas-sigurtà tal-UE.

L-istabbiltà u s-sigurtà fir-**reġjun usa' tal-Baħar l-Iswed** huma ta' importanza strateġika għall-UE. Ir-reġjun huwa affettwat serjament mill-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, kif muri minn inċidenti rikorrenti tad-droni fit-territorju ta' Stati Membri tal-UE, b'implikazzjonijiet estensivi f'termini ta' sigurtà, reżiljenza, libertà tan-navigazzjoni u żvilupp ekonomiku, infrastruttura kritika u konnettività.

Il-**Lvant tal-Mediterran** jibqa' reġjun ta' sinifikat strateġiku għas-sigurtà u l-istabbiltà tal-UE, billi jippreżenta opportunitajiet sinifikanti kif ukoll sfidi importanti. Filwaqt li tiddefendi l-interessi tagħha u dawk tal-Istati Membri tagħha, l-UE għandha tinċentiva lis-sħab fir-reġjun biex jinvolvu ruħhom f'oqfsa u sħubijiet kooperattivi, f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali u l-acquis tal-UE. L-iżvilupp ta' relazzjoni ta' benefiċċju reċiproku mat-**Turkija** b'mod gradwali, proporzjonat u riversibbli, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' April 2024, jibqa' wkoll fl-interess strateġiku tal-UE. L-impenn kostruttiv tat-Turkija stess ser ikun strumentali biex isir progress f'diversi oqsma ta' kooperazzjoni. F'dan ir-rigward, l-UE tagħti importanza partikolari lill-issoktar tat-taħditiet ta' riżoluzzjoni rigward Ċipru u l-progress fihom, biex tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni bejn l-UE u t-Turkija. L-UE tkompli tistenna li t-Turkija timpenja ruħha b'mod inekwivoku għal relazzjonijiet tajbin ta' viċinat inkluż ir-rinunzja ta' kwalunkwe theddida ta' użu tal-forza.

L-UE għandha interess dirett u vitali fl-istabbiltà, fis-sigurtà u fit-tkabbir ekonomiku tal-**baċir tal-Mediterran kif ukoll tal-Viċinat tan-Nofsinhar usa'**. It-tisħiħ tas-sħubija Ewro-Mediterranja huwa prijorità strateġika għall-UE, bil-ħsieb li jissaħħu r-rabtiet ekonomiċi, ir-relazzjonijiet politiċi u l-kooperazzjoni fis-sigurtà mas-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran, u b'hekk jinħolqu opportunitajiet konġunti u jiġu indirizzati l-isfidi komuni.

Fil-**viċinat tan-Nofsinhar** tagħna, is-sitwazzjoni li qed tiddeterjora b'mod rapidu fil-Lvant Nofsani hija sfida diretta għall-interessi strateġiċi tal-UE. Il-konsegwenzi ċivili u umanitarji enormi tal-kunflitti, flimkien mal-isfiduċja u t-tensjoni severi fir-reġjun, huma riskju sinifikanti u jqiegħdu pressjoni immensa fuq il-kapaċitajiet umanitarji, finanzjarji u ta' ġestjoni tal-migrazzjoni tal-UE jekk ma jittaffewx.

Filwaqt li l-**viċinat tan-Nofsinhar** tagħna huwa mhedded minn instabbiltà sinifikanti, mil-Libja sal-Jemen u l-Iraq, is-sitwazzjoni f'Israel u l-Palestina, l-istabbiltà fis-**Sirja u l-Libanu**, u l-indirizzar tal-konsegwenzi tal-gwerra mal-Iran jibqgħu l-aktar sfidi urġenti li l-UE qed tthabbat wiċċha magħhom bħalissa. L-istabbiltà reġjonali u r-restawr sħiħ tal-libertà tan-navigazzjoni u t-tranżitu sikur mill-Istrett ta' Hormuz, kif ukoll riżoluzzjoni negozjata fit-tul għall-kwistjonijiet pendent kollha, f'konformità mad-dritt internazzjonali, huma kruċjali. L-interess strateġiku tal-UE jibqa' l-appoġġ għas-Soluzzjoni ta' Żewġ Stati, u soluzzjoni għall-kunflitt Iżraeljan-Palestinjan li toffri opportunità ta' sigurtà u paċi għal kulħadd. Il-**Golf** jibqa' reġjun ġar ewlieni għall-UE. L-istabbiltà tiegħu hija kruċjali għas-sigurtà reġjonali, id-diversifikazzjoni ekonomika u s-sigurtà tal-provvista. L-iżviluppi attwali jenfasizzaw l-importanza strateġika tal-Istrett ta' Hormuz u l-Istrett ta' Bab-el-Mandeb bħala arterji marittimi kritiċi għall-Ewropa. It-tfixkil f'dawn il-passaġġi fuq l-ilma jhedded is-sigurtà u l-istabbiltà reġjonali, idgħajef il-libertà tan-navigazzjoni u r-rispett għad-dritt internazzjonali, jipperikola s-sigurtà tal-ikel u l-ktajjen tal-provvista, u jfixkel il-fluss liberu tal-kummerċ, il-konnettività, id-diversifikazzjoni tal-enerġija, u r-reżiljenza ekonomika. Fl-istess ħin, l-**Iran**, bil-programmi nukleari u tal-missili ballistiċi tiegħu, il-kooperazzjoni militari tiegħu mar-Russja, l-attivitajiet destabbilizzanti tiegħu fir-reġjun u fl-Ewropa, u r-repressjoni kontra l-poplu tiegħu stess, għadu theddida għall-ordni ta' sigurtà reġjonali u internazzjonali.

Ix-xenarju tas-sigurtà tal-UE qed jissawwar dejjem aktar mill-iżviluppi fir-**reġjun tal-Artiku** u madwaru, inkluż fir-rigward tat-tisħiħ tal-forzi militari, it-theddid ibridu, l-isfidi ambjentali u klimatiċi u l-ħtieġa għar-reżiljenza tas-soċjetà. It-tensjonijiet ġeopolitiċi u l-kompetizzjoni ġeoeconomika fl-Artiku jirrikjedu li l-UE, flimkien mas-sħab tagħna, twieġeb.

L-**Afrika** hija kontinent ta' importanza strateġika għall-UE, b'potenzjal konsiderevoli bil-popolazzjoni żagħżuġha u li qed tikber, l-ekonomiji dinamiċi u r-riżorsi naturali diversi tagħha. Madankollu, l-iżvilupp ta' dan il-potenzjal huwa mxejkel mill-instabbiltà, il-vulnerabbiltajiet ekonomiċi, il-kunflitti, it-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, u/jew il-kriminalità organizzata. Sadanittant, il-kompetizzjoni fost is-setgħat medji u kbar għall-influwenza fl-Afrika qed tintensifika, u qed thegħeġ strateġiji aggressivi ta' influwenza kemm fil-qasam militari kif ukoll fil-qasam ekonomiku, bankarju, tal-media, u dak ċibernetiku, u qed tiegħu dejjem aktar preċedenza fuq sforzi kkoordinati u fit-tul ta' stabbilizzazzjoni u żvilupp. Id-demografija, il-kunflitti fit-tul, u n-nuqqas ta' strutturi statali robusti u ta' infrastruttura soċjali joħolqu kundizzjonijiet li jwasslu għall-emerġenza ta' kriżijiet, kemm fis-Sudan, fis-Saħel kif ukoll lejn il-Golf tal-Guinea. Dawn il-punti ta' kriżi jinfirxu reġjonalment, u b'hekk jaffettwaw il-komunitajiet, iservu ta' kenn għal networks terroriċi u kriminali, u jipprovdu snanar għal influwenza barranija ostili, bħal dik mir-Russja. Is-**Saħel** jibqa' kruċjali għas-sigurtà Ewropea minħabba theddid interkonness li jaffettwa l-interessi tagħna – it-terroriżmu u r-riperkussjonijiet tiegħu fil-pajjiżi ġirien, in-networks ta' kriminalità organizzata li jikkontrollaw ir-rotot tat-traffikar tad-droga u tat-traffikar tal-bnedmin lejn l-Ewropa kif ukoll il-kooperazzjoni msaħħa bejn ir-Russja u l-awtoritajiet tal-pajjiżi tas-Saħel Ċentrali – b'fatturi aggravanti bħall-fraġilità tal-istati, lakuni fis-sigurtà u l-preżenza akbar ta' kompetituri strateġiċi. Is-**Sudan** jibqa' l-akbar kriżi interna ta' spostament u għu fid-dinja, b'riperkussjonijiet kritiċi fil-livell reġjonali u lil hinn minnu, inkluż għall-UE. L-isfruttament tal-vulnerabbiltajiet u tal-instabbiltà jkompli jiddestabilizza l-istati fraġli u l-ekonomiji tagħhom, filwaqt li jnaqqas il-protezzjoni għall-persuni ċivili u d-drittijiet tal-bniedem. Il-migrazzjoni irregolari tirrappreżenta sfida kondiviża li għandha tiġi indirizzata mill-UE u l-Afrika, li t-tnejn għandhom interess li jiżguraw li din isseħħ b'mod sikur, ordnat u regolari.

Is-sigurtà tal-**Indo-Paċifiku** u tal-Ewropa hija aktar interkonnessa minn qatt qabel. L-imġiba dejjem aktar assertiva taċ-Ċina fl-Ibħra tan-Nofsinhar u tal-Lvant taċ-Ċina u fl-Istrett tat-Tajwan jista' jkollha impatt dejjem akbar fuq is-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità tal-Ewropa u tal-Indo-Paċifiku. Il-bidla fl-istatus quo madwar l-Istrett tat-Tajwan ikollha impatt profond fuq is-sigurtà dinjija. F'parti oħra tal-**Asja**, l-Afganistan ikompli joħloq tħassib serju dwar is-sigurtà għar-reġjun kif ukoll għall-Unjoni Ewropea f'termini ta' terroriżmu jew il-firxa ta' estremiżmu vjolenti, ta' kuntrabandu ta' drogi u ta' sfidi li qed jiżdiedu b'rabta mal-migrazzjoni irregolari. Ċerti atturi, bħar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK), ikompli jipperikolaw il-paċi u s-sigurtà reġjonali u internazzjonali, permezz tal-armi ta' qerda massiva u tal-programmi nukleari u ta' missili ballistiċi tagħhom iżda wkoll dejjem aktar permezz ta' operazzjonijiet ta' intelligence, ċiberattakki u kampanji ta' diżinformazzjoni. Kunflitti persistenti aktar antiki jkomplu jxekklu l-iżvilupp ta' arranġamenti komprensivi ta' sigurtà pan-reġjonali.

Fl-aħħar nett, mal-**Amerka Latina u l-Karibew** naqsmu rabtiet storiċi u kulturali profondi, kif ukoll impenn profond għall-multilateraliżmu bbażat fuq prinċipji u valuri fundamentali komuni. Madankollu, l-iżbilanċi soċjoekonomiċi f'diversi pajjiżi tal-Amerka Latina u, f'xi każijiet, it-theddid għall-istabbiltà politika jistgħu jikkawżaw fraġilità u tfixkil. Fl-Amerka Ċentrali, id-diviżjonijiet reġjonali u l-pressjonijiet migratorji qawwija x'aktarx li jkomplu, u dan joħloq aktar sfidi tranżnazzjonali relatati mal-kriminalità organizzata.

Dawn il-kriżijiet juru kif **il-kunflitti reġjonali jipproduċu effetti globali sistemiċi**. L-ambjent huwa ddefinit minn dinamika ta' kaskata. Il-kunflitt ifixkel il-flussi tal-enerġija; ix-xokkijiet fil-qasam tal-enerġija jixprunaw l-inflazzjoni u l-instabbiltà ekonomika; l-istress ekonomiku iqajjem tensjonijiet soċjali u frammentazzjoni politika. Filwaqt li l-UE bħala attur bi prinċipju li tippromwovi l-multilateraliżmu u d-diplomazija preventiva twieġeb għal dawn l-isfidi billi tibni sħubijiet li jgħinu biex tiġi żgurata s-sigurtà tagħna, l-atturi newtrali madwar id-dinja qed jadottaw dejjem aktar approċċi li jevitaw impenn ċar, xprunati minn tħassib dwar l-enerġija, is-sigurtà tal-ikel u s-sovranià, li hu anqas probabbli li jallinjaw mal-perspettivi tagħna.

Theddid u sfidi emerġenti u tranżnazzjonali

Fl-ambjent strateġiku usa' tagħha, l-UE qed tħabbat wiċċha ma' taħlita perikoluża ta' aggressjoni armata, annessjoni illegali, stati fraġli, setgħat reviżjonisti u reġimi awtoritarji. Dawn l-ambjenti joħolqu spazju fejn jitkattar **theddidi multipli tranżnazzjonali għas-sigurtà Ewropea** mit-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti u l-kriminalità organizzata sa kunflitti ibridi u ċiberattakki, l-istrukturalizzazzjoni tal-migrazzjoni irregolari, il-proliferazzjoni tal-armi u d-dgħajfien progressiv tal-arkitettura tal-kontroll tal-armi. L-instabbiltà finanzjarja u d-diverġenzi soċjali u ekonomiċi estremi joħolqu tali dinamiki u għandhom impatt dejjem akbar fuq is-sigurtà tagħna. Il-kompetizzjoni għall-influwenza saret mutur ewlieni għan-nuqqas ta' sigurtà, għall-instabbiltà u għall-volatilità ekonomika fil-viċinat tagħna.

L-isfida tal-**migrazzjoni irregolari**, inkluż l-indirizzar tal-għeruw tagħha, jeħtieġ li tiġi indirizzata bl-oġettivi tal-ġlieda kontra n-networks kriminali ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u l-istrumentalizzazzjoni minn atturi ta' theddid. Dan jeħtieġ li jsir ukoll permezz ta' sħubijiet b'saħħithom ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-prevenzjoni tat-tluq irregolari, iżda wkoll billi jiġu sfruttati l-opportunitajiet tal-migrazzjoni legali b'mod sikur u ordnat, f'konformità mal-kompetenzi nazzjonali tal-Istati Membri.

In-networks ta' **kriminalità organizzata** li joperaw fuq livell tranżnazzjonali jibqgħu theddida kbira għaċ-ċittadini, in-negozji u l-istituzzjonijiet Ewropej, kif ukoll għall-ekonomija Ewropea. Qed issir ukoll progressivament destabbilizzanti, aċċellerata mill-Intelliġenza Artifiċjali (IA) u teknoloġiji ġodda oħra, u dejjem aktar interkonnessa, b'gruppi kriminali li joperaw f'reġjuni u kontinenti differenti. It-traffikar tad-drogi, l-armi tan-nar, il-ħasil tal-flus, iċ-ċiberkriminalità, u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti huma theddida komuni għall-UE, il-Balkani tal-Punent, l-Amerka Latina u l-Karibew kif ukoll dejjem aktar għall-Afrika tal-Punent. It-**tellieqa għad-dominanza teknoloġika**, b'mod partikolari fl-intelliġenza artifiċjali, ser tkompli ssawwar l-ambjent strateġiku, bħala qasam dominanti tal-kompetizzjoni u faċilitatur kritiku. L-atturi li jiksibu rwol ta' tmexxija fl-IA ser ikunu jistgħu jintegraw it-teħid tad-deċiżjonijiet, is-sistemi militari, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u s-setgħa ekonomika b'modi li jiġġeneraw vantaġġi strutturali. Din id-dinamika żżid il-probabbiltà ta' distribuzzjoni dinjija aktar ikkonċentrata tal-enerġija.

Atturi statali u mhux statali li jużaw tattiċi **ibridi**, ċiberattakki, droni u inkursjonijiet oħra fl-ajru, kampanji ta' diżinformazzjoni, interferenza fl-elezzjonijiet u l-proċessi politiċi tagħna, koerċizzjoni ekonomika u l-istrumentalizzazzjoni tal-flussi ta' migrazzjoni irregolari kif ukoll spjunaġġ, inkluż fost is-sħab, ikkontribwew biex jitbaxxa l-limitu għal kunflitt, billi ħolqu theddid dirett u sensittiv għas-sigurtà u l-integrità demokratika tagħna filwaqt li ppermettew dilemmi ta' ċaħda u attribuzzjoni.

L-attakki ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin (**FIMI**) qed jintensifikaw kemm fil-frekwenza kif ukoll fis-sofistikazzjoni. Għal atturi bħar-Russja u oħrajn, il-FIMI hija parti minn sett ta' għodod usa' għall-gwerra politika. Huma jidentifikaw lakuni u vulnerabbiltajiet fis-soċjetajiet miftuħa tagħna u jaggravaw id-diviżjonijiet, joħolqu instabbiltà, u jfittxu li joħolqu paraliżi fit-teħid tad-deċiżjonijiet. L-atturi tat-theddid spiss jikkombinaw il-FIMI ma' azzjonijiet ibridi oħra u joperaw f'kampanji kkoordinati u fit-tul. Dan it-theddid mhux biss qed idgħajf il-proċessi demokratiċi u l-fiduċja pubblika iżda qed joħloq ukoll sfidi sinifikanti għas-sigurtà u l-integrità tal-informazzjoni tagħna.

Hekk kif il-kampijiet tal-battalja u ż-żoni tal-gwerra tkattru fil-viċinat tagħna, mill-Ukrajna sal-Iran, is-setturi tat-teknoloġija u tal-industrija tal-gwerra evolvew b'mod drammatiku, u żvelaw lakuni u vulnerabbiltajiet kritiċi ġodda fil-mezzi għall-Ewropej, fosthom fil-munizzjon, fid-difiża tal-ajru u fid-droni.

Il-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u tal-mezzi ta' kunsinna tagħhom x'aktarx ser tiżdied hekk kif il-potenzi nukleari ewlenin jespandu l-ħażna tagħhom, ikomplu jiżviluppaw u jittestjaw sistemi ġodda ta' armi u jitbiegħdu mill-mekkaniżmi eżistenti għall-kontroll tal-armi. Il-programm nukleari u ballistiku tar-RDPK jibqa' ta' tħassib dejjem akbar. Il-programm nukleari tal-Iran għadu mingħajr sorveljanza internazzjonali u jikkostitwixxi sors persistenti ta' instabbiltà u kunflitt fir-reġjun. Kemm ir-Russja kif ukoll iċ-Ċina qed jespandu l-ħażna nukleari tagħhom u qed jiżviluppaw sistemi ġodda ta' armi. It-tmexxija Russa użat theddid nukleari fil-kuntest tal-invażjoni tagħha fl-Ukrajna. Is-setgħat reġjonali għandhom ukoll aċċess għal armi konvenzjonali sofistikati, li jvarjaw minn sistemi ta' antiaċċess/tiċħid ta' żona sa missili ballistiċi u kruċieri. Dawn ix-xejriet huma aggravati mill-erożjoni tal-arkitettura tal-kontroll tal-armi fl-Ewropa, mit-Trattat dwar il-Forzi Konvenzjonali fl-Ewropa sat-Trattat dwar il-Forzi Nukleari ta' Medda Intermedja u t-Trattat dwar is-Sema Miftuħ. Dan il-vojt normattiv qed ikollu impatt dirett fuq is-sigurtà tal-UE. Is-salvagwardja tal-projbizzjoni dinjija tal-armi kimiċi hija responsabbiltà dinjija kondiviża.

Fl-istess ħin, l-aċċess ħieles u sikur għall-**oqsma strateġiċi dinjin** huwa dejjem aktar ikkontestat. Iċ-ċiberspazju sar qasam għal kompetizzjoni strateġika, fi żmien ta' dipendenza dejjem tikber fuq it-teknoloġiji diġitali. Qed inħabbtu wiċċna dejjem aktar ma' ċiberattakki aktar sofistikati. Huwa essenzjali li jinżamm ċiberspazju miftuħ, liberu, stabbli u sigur.

Il-qasam spazjali għandu implikazzjonijiet qawwija għas-sigurtà u d-difiża. Huwa kruċjali għall-kapaċitajiet ta' osservazzjoni, monitoraġġ, navigazzjoni u komunikazzjoni, iżda huwa qasam konġestjonat u kkontestat, b'imġiba dejjem aktar irresponsabbli ta' kompetituri strateġiċi, theddid frekwenti għall-infrastruttura spazjali orbitali u bbażata fuq l-art, filwaqt li atturi ewlenin u emerġenti jestendu l-preżenza tagħhom b'mod sinifikanti u jħejju għal ġlied fil-gwerra fl-ispazju.

Is-sigurtà marittima madwar id-dinja hija kruċjali għas-sigurtà tal-UE, u għall-iżvilupp ekonomiku, il-kummerċ ħieles, it-trasport u s-sigurtà tal-enerġija tagħha. L-UE impenjat ruħha li tirrispetta l-ordni legali stabbilit mill-UNCLOS, filwaqt li tirrikonoxxi ċ-ċentralità tiegħu, u tistenna li l-Istati kollha jħarsu l-prinċipji u r-regoli fundamentali tal-liġi tal-baħar. L-UE qed tthabbat wiċċha ma' xenarju ta' theddid marittimu li qed jintensifika malajr, minn theddid tradizzjonali bħall-piraterija, it-traffikar u s-serq armat fuq il-baħar għal koerċizzjoni mmexxija mill-istati u attakki ibridi fuq infrastruttura kritika, inkluż fl-ilmijiet Ewropej. It-teknoloġiji emerġenti bħall-Intelliġenza Artifiċjali applikati għall-bastimenti ta' taħt l-ilma mingħajr ekwipaġġ, filwaqt li joffru ħafna opportunitajiet, jintroduċu wkoll vulnerabbiltajiet partikolari fil-qasam marittimu, li jeħtieġ li jiġu indirizzati. Iż-żoni marittimi, il-korsiji kritiċi ta' komunikazzjoni fuq il-baħar u diversi punti ta' konġestjoni marittimi kif ukoll qiegħ il-baħar, qed jiġu kkontestati dejjem aktar madwar id-dinja. Is-sigurtà tal-UE fl-**ajru** qed tiġi kkontestata wkoll permezz ta' attitudnijiet dejjem aktar aggressivi fl-ajru biż-żieda ta' tattiki ta' antiaċċess/tiċħid ta' żona.

It-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali u d-diżastri naturali wkoll ser ikollhom impatt sever fuq il-pajsaġġ tas-sigurtà tagħna matul id-deċennji li ġejjin u huwa ppruvat li huma muturi tal-instabbiltà u l-kunflitt madwar id-dinja u għaldaqstant jgħolqu theddid għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Il-kompetizzjoni għar-riżorsi naturali bħall-art agrikola u l-ilma u l-isfruttament tar-riżorsi tal-enerġija għal skopijiet politiċi huma eżempji konkreti f'dan ir-rigward. Id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomiji tagħna u l-proċess biex dawn isiru aktar effiċjenti fir-riżorsi u ċirkolari jgħibu magħhom sfidi speċifiċi għas-sigurtà, inkluż l-aċċess għal materja prima kritika, il-ġestjoni u s-sostenibbiltà tal-katina tal-valur, kif ukoll bidliet ekonomiċi u politiċi kkawżati mit-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili. **Il-kriżijiet tas-saħħa globali** jistgħu wkoll jimponu pressjonijiet konsiderevoli fuq is-soċjetajiet u l-ekonomiji, b'implikazzjonijiet ġeopolitiċi estensivi.

F'dawn l-isfidi tranżnazzjonali kollha, **l-erożjoni aċċellerata tar-rispett għad-dritt internazzjonali u t-theddid dejjem jiżdied kontra l-istituzzjonijiet dinjin u multilaterali tal-kooperazzjoni internazzjonali**, li għinna nsawru u niżviluppaw matul l-aħħar deċennji, jikkostitwixxu sfida trażversali u sistemika dejjem aktar urġenti għalina u għas-šhab tagħna peress li jdgħajfu l-kapaċità dinjija u kollettiva li negħlbu dawk l-isfidi – u li naħtfu dawk l-opportunitajiet – li jistgħu jiġu indirizzati, jew jistgħu jiġu indirizzati bl-aktar mod effettiv, biss jekk nindirizzawhom flimkien.